MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2013

Numru. 436/2012

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR DARYL BORG**
**SPETTUR JASON SULTANA**

**KONTRA**

**SHAWN AGIUS ta’ 23 sena, iben Aldo u Maria nee’ Brincat, imwieled Tal-Pieta’ nhar is-27 ta’ Jannar, 1989, residenti fil-fond Flat 7, Fuq tal-Blat, Blokk B, Qormi, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 63189M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **Shawn Agius** li gie akkuzat talli:

1. Nhar il-5 ta’ Novembru, 2012, u fil-granet u xhur ta’ qabel din id-data, f’dawn il-Gzejjer, ipproduca, biegh jew

xort'ohra ttraffika fil-pjanta cannabis, kollha jew biccha minnha, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(e) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu l-pjanta cannabis, kollha jew biccha minnha, bi ksur tal-Art 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, club jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh u dan bi ksur tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat wiegeb illi kien hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat li l-istess ammissjoni giet konfermata moghti z-zmien.

Rat ukoll ir-rakkomandazzjonijiet maghmula mill-Ufficjal tal-Probation, cioe' li Shawn Agius jinghata piena karcerarja fil-minimu, kif ukoll illi jinghata ghajnuna relatata kontra l-uzu tad-droga, waqt illi jkun qieghed jiskonta s-sentenza ta' prigunerija.

Semghet it-trattazzjonijiet fuq il-piena. Ikkunsidrat illi, in vista' tal-ammissjoni registrata minn Shawn Agius, din il-Qorti qieghda ssib htija u dan wara li rat l-Artikoli 8(e) u 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
Tilliberah mill-effetti ta' l-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan wara li l-istess Prosekuzzjoni rtirat l-istess addebitu.

Ikkunsidrat ukoll dak mitlub mid-Difiza dwar il-wild (bint) l-imputat, issa li twieldet, raguni ghala l-ghoti ta' din is-sentenza gie differit. Ikkunsidrat ukoll illi l-istess wild hija afflitta minn kundizzjoni medika, u li ser ikollha bzonn kura medika, sahansitra ntervent kirurgiku. Rat ukoll l-Artikolu 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u

tikkundanna lil Shawn Agius ghal piena karcerarja effettiva ta' sitt(6) xhur, b'dan illi Shawn Agius ghandu jinghata kull ghajnuna li jista' tal volta jircievi u li jikkwalifika ghaliha biex johrog mill-problema ta' abbuz tad-droga.

Tirrakkomanda wkoll bis-sahha lid-Direttur tal-Habs illi in vista' tal-kundizzjoni medika ta' bint l-imputat, huwa jinghata kull opportunita' li jattendi u jassisti ghall-kura u visti, direttament koonnessi ma' l-intervent kirurgiku li bintu ser ikollha bzonn.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------